# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.,(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002**

**Numru 6**

**Citaz. numru: 1116/94**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Konstantinos Kostopoulos**

**vs**

1. **L-Avukat Dottor Joseph Bonnici u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-18 ta' Awissu 1994 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Stylianos sive Styl Prokidis**
2. **Ir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali**

**Il-Qorti,**

**Is-Sentenza appellata**

Fit-30 ta' Mejju 1995 l-allura Qorti tal-Kummerc ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi li kienet tkopri decizjoni kemm fuq diversi eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti kif ukoll decizjoni fil-meritu.

> "Il-Qorti,
>
> Din il-kawza bdiet b'citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Awissu 1994, fejn l-Avukat Dottor Kevin Dingli ghan-nom ta' l-assenti Kostantinos harrek lir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali u lill-kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Stylianos sive Styl Prokidis li fit-18 ta' Awissu 1994, gew nominati biex jirrapprezentawh f'din il-kapacita' ta' kuraturi l-Avukat Dottor Joseph Bonnici u l-P.L. Hilda Ellul Mercer;
>
> Fic-citazzjoni w id-dikjarazzjoni gguramentata tieghu, jghid li l-partijiet proprji, huma diretturi tas-Socjeta' Glovegold Shipping Limited - socjeta' kostitwita f'Malta fl-10 ta' Mejju 1989, u hawn registrata bin-numru C 10616. Din is-socjeta' hija proprietarja tal-bastiment merkantili M.V. 'ANTHENOR EXPRESS'.
>
> L-azzjonista principali f'din is-socjeta' hija s-socjeta' Ingliza Glovegold Limited, li da parti taghha hija l-proprieta' tas-socjeta' ohra Ingliza Corporation Link Ocean Carriers (UK) Limited, f'liema socjeta' l-kontendenti proprji huma azzjonisti f'sehem indaqs.
>
> Il-konvenut Prokidis isostni l-attur nomine, gie misjub hati diversi drabi mill-Qrati Kriminali kompetenti Griegi, ta'

diversi reati ta' frodi kolha jipprecedu d-data tar-registrazzjoni f'Malta tas-socjeta' Glovegold Limited.

Ghalhekk skond l-Artikolu 125 (b) ta' l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kapitolu 168), hu ma kienx kwalifikat jinhatar direttur u qatt ma kien u ma huwiex hekk kwalifikat.

TALAB biex il-Qorti tiddikjara dan retroattivament b'effett mill-10 ta' Mejju 1989 u tinibixxi lill-konvenut jew persuna mqabbda minnu li b'xi mod jezercitaw il-poteri vestiti fil-kariga ta' Direttur naxxenti mil-ligi jew mill-istatut tal-istess socjeta' u li jigu wkoll inibiti milli b'xi mod jirrapprezentaw lill-istess socjeta'.

L-attur talab kontra l-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali, li dan jirregistra l-iskwalifika w it-tnehhija tal-konvenut u jippubblika tali skwalifika fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-informazzjoni tal-pubbliku in generali.

Huwa utili li l-Artikolu li fuqu qed tigi bbazata dina l-azzjoni tigi kkwotata f'dan l-istadju. Kif intqal dan huwa l-Artikolu 125 tal-Kapitolu 168 li hekk ighid:

> "*Persuna ma tkunx kwalifikata li tinhatar jew ikollha l-kariga ta' Direttur ta' Kumpanija, jekk ...... omissis ...... (b) tkun instabet hatja ta' xi wahda mir-reati li jirrigwardaw il-fiducja pubblika jew serq jew frodi jew irricettazzjoni ta' proprieta' miksuba b'serq jew bi frodi li ssir xjenzament.*"

Huwa jesebixxi diversi dokumenti mad-dikjarazzjoni guramentata tieghu, fosthom kopji tas-sentenzi tal-Qrati ta' Pireaus tradotti bl-Ingliz u l-opinjoni legali ta' zewg avukati Griegi, dwar in-natura w is-sinifikat legali ta' dawn is-sentenzi.

Jirrizulta wkoll mid-dokumentazzjoni socjali, illi l-konvenut sar direttur ta' din is-socjeta' fit-3 ta' Lulju 1989, u dana wara laqgha generali ta' l-istess socjeta' mizmuma f'din id-data u li ma kienx direttur, meta l-kumpanija giet kostitwita.

Il-Qorti ezaminat dawn is-sentenzi;

Dik tal-Qorti ta' Piraeus tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Frar 1979, fejn ma' ko-akkuzati ohra u fl-assenza tieghu, il-konvenut gie akkuzat talli ma hallasx is-salarji ta' l-impjegati li huma kellhom fil-vapur 'HOMER T' u gie kundannat ghal tlett xhur habs u multa ta' 40,000 drachmas.

(b) Wkoll tal-Qorti ta' Piraeus tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Settembru 1990, fejn rega' instab hati li ma hallasx Kaptan ta' vapur u gie kkundannat tlett xhur habs (mibdula f'multa pekunjarja) u 50,000 drachmas.

Din is-sentenza wkoll kienet "by default" ghax l-imputat ma deherx.

L-attur jesebixxi a fol. 39 certifikat li l-konvenut ma appellax minn din is-sentenza. Dana c-certifikat pero' jaghmel riferenza ghall-kaz 13654/80 mentri l-kaz kwotat huwa 13656.

(c) Fil-Qorti tal-Magistrati ta' Piraeus fl-14 ta' Mejju 1981, fejn mat-tnejn min nies ohra, gie akkuzat ghall-falliment frawdulenti. Il-konvenut Prokidis rega' ma deherx u minkejja li jirrizulta li l-imputat Baglatzis kien principalment responsabbli ghar-reat, il-Qorti sabet lill-konvenut "*the accused Stylianos Prokidis being the Director general of the above mentioned enterprise under bankruptcy in common with Mektarios Nakrygiannis as its legal representative, they have deliberately offered their direct assitance to the first one mentioned and in executing the main action.*"

U hawn gie kundannat sena habs.

Minn din is-sentenza ma sarx appell u dana skond certifikat a fol. 58.

Sentenza ohra "by default" tal-Qrati tal-Magistrati ta' Piraeus tal-5 ta' Settembru 1985 fejn ma' ohrajn gie kundannat habs u multa ghax naqsu milli jhallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali ta' l-impjegati. F'dan il-kaz ukoll jidher li s-sehem tieghu kien dirett u mhux rapprezentattiv. Sas-6 ta' Gunju 1994 minn dina s-sentenza ma kienx hemm appell. (Certifikat a fol. 74).

Fit-28 ta' Settembru 1994, il-kuraturi deputati taw l-eccezzjonijiet soliti li ma kienux edotti mill-fatti. Sadanittant pero' l-Qorti laqghat it-talba ta' l-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino biex jassumi l-atti tal-kawza ghan-nom tal-konvenut bhala mandatarju specjali tieghu w irrevokat id-digriet taghha ghan-nomina tal-kuraturi *contrario imperio*;

Fl-eccezzjonijiet tieghu ulterjuri u fid-dikjarazzjoni guramentata l-konvenut nomine jqajjem il-punti legali u fattwali segwenti:

1. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, billi ma japplikawx ebda wahda mis-sub-incizi ta' l-Artikolu 742 tal-Kap. 12;

2. L-azzjoni *de quo* tispetta lis-socjeta' Glovegold Shipping Limited u l-attur di proprio u bhala direttur ta' l-istess socjeta' ghalhekk ma ghandux l-interess guridiku mehtieg.

3. Illi qabel ma jigi nvokat l-Artikolu 125 Kapitolu 168, l-attur imissu pproceda separatament ghal dikjarazzjoni li s-sentenzi minnu kkwotati huma esegwibbli f'Malta.

4. Is-sentenzi tal-Qrati Griegi huma nulli ghax gew moghtija *in absentia*, il-konvenut ma kienx validament notifikat, ma ghandhomx validita' skond il-ligi Griega, ma jissodisfawx ir-rekwiziti ta' l-Artikli 826 u 827 Kapitolu 12, u gew moghtija bi vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, liema konvenzjoni tifforma parti mil-ligi domestika kemm ta' Malta u tal-Grecja.

5. In ogni caso s-sentenza ta' din il-Qorti ma jistax ikollha effett retroattiv.

6. U finalment is-sentenzi in kwistjoni ma jikkostitwiex kundanna rigward fiducja pubblika, serq jew frodi, skond l-ordni pubbliku Malti.

Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 1994, l-avukati rispettivi qablu, illi din il-kawza tista' tinstema' ma kawza ohra fl-ismijiet inversi, u cioe' Nru. 1429/94 NA.

B'nota tad-9 ta' Novembru 1994 l-attur esebixxa kopji ta' diversi sentenzi ohra, tradotti, din id-darba pero' tal-Qorti ta' Ateni.

(a) Fejn fuq appell tal-konvenut fis-6 ta' Gunju 1977, gie misjub hati fuq *violation of the law on cheques* u kkundannat b'prigunerija.

(b) Mill-Qorti tal-Prim'Istanza wkoll fuq *cheque* mhux onorat, u gie kundannat ghal ghaxar xhur prigunerija u multa ta' 80,00 drachma u dan fit-30 ta' Jannar 1979.

(c) Ghall-istess akkuza fis-26 ta' Jannar 1979, fejn gie kundannat tlett snin habs u multa.

(d) Ukoll fil-31 ta' Mejju 1979 ghal *cheque* li ma kienx gie kopert minn fondi necessarji.

Huwa ta' min josserva illi f'dawn il-kazijiet minkejja l-assenza tal-konvenut, gew prodotti xhieda u provi dokumentari.

U dan kien ukoll il-kaz li f'sentenza tat-28 ta' Ottubru 1976 u (d) b'sentenza ohra tas-26 ta' Jannar 1979 u dana apparti mis-sentenza (c) fuq imsemmija.

Is-sentenzi tat-2 ta' Gunju, 13 ta' Frar u 11 ta' April 1979 isegwu nuqqasijiet fuq hlas lill-impjegati, mentri dik tal-20 ta' Mejju 1981 hija fuq ksur tal-Exchange Control Regulations tal-Grecja.

Ma jirrizulta ebda appell minn dawn is-sentenzi.

Fit-22 ta' Novembru 1974 gie registrat dan il-verbal "*Il-partijiet jaqblu illi minkejja li l-urgenza giet milqugha fic-citazzjoni numru 1421/94NA u f'din il-kawza inghata digriet li z-zewg kawzi, cioe', numru 1421/94NA u dik numru 1116/94NA ghandhom jinstemghu kontestwalment, il-kawza ta' fuq il-mertu, li minnha jiddependi l-ezitu taz-zewg kawzi hija dik numru 1116/94NA li fiha ghandhom jinstemghu l-provi.*"

Fl-istess seduta apparti milli l-Avukati Dr. Joseph Bonnici u Dr. Tonio Mark, xehed l-attur Konstantinos Kostopoulos.

Jghid li kien qieghed jinnegozja ma' Bank Grieg ghall-finanzi biex jixtri vapur iehor, meta "*In the course of the conversation I informed him that I was not the only partner, but that Mr. Prokidis was a partner with me.*"

> "*After I had given him all the information and it seemed as if everything was going to be allright, for no apparent reason, the Bank stopped negotiating with me and the manager even stopped speaking to me on the phone.*"
>
> "*I enquired as to why the Bank should have changed their attitude completely and after some time, I discovered that the Bank had a file on Mr. Prokidis and in this file it was evident that from a time before we started our Corporation, Mr. Prokidis had not honoured a certain amount of his liabilities.*"
>
> "*This is the first time that I discovered about Mr. Prokidis past, and obviously it meant that I could not continue co-operating with him in business.*"
>
> "*I discussed this information approximately in June of 1993. At about the same period I met Mr. Prokidis in London.*"
>
> "*Mr. Prokidis accepted what I told him as being correct. After I mentioned this situation to Mr. Prokidis, his behaviour became very bad. He started accusing me of certain things, in coming to the office, and behaving in an ungentle manner.*"
>
> "*The Bank because of their confidentiality did not give me precise information with regard to Mr. Prokidis, but I understood that he was a "persona non grata" and that they would not deal with me as long as I was in partnership with him.*"

Jixhed permezz ta' affidavit mehud fil-High Commission Maltija go Londra, l-konvenut Prokidis fis-17 ta' Novembru 1994.

> "*Jilmenta li ma giex notifikat bil-proceduri odjerni.*"

Din hija haga li zgur ma kkagunatlu ebda pregudizzju, minkejja li seta' gie ppregudikat li ma kienx notifikat bi proceduri fi Grecja.

Fl-affidavit tieghu jghid li telaq mill-Grecja fl-1987 u ma kienx jaf bil-proceduri li saru hemm kontra tieghu u qatt ma kellu residenza fin-numru 129 Filonos Street, gio' Piraeus.

Huwa jaghmel ukoll dikjarazzjoni datata 12 ta' Novembru 1994, bil-kummenti tieghu fuq il-varji sentenzi Griegi u dan a fol. 18 tat-tieni volum.

Huwa ta' min ighid li minkejja li jezistu t-timbri tal-High Commission Maltija ma jidhirx illi din id-dikjarazzjoni hija guramentata.

Apparti minn dan pero' l-kummenti li ghamel hafna minnhom pjuttost korrenti mil-lat tekniku ma jeffettwawx bl-ebda mod is-sustanza w il-meritu ta' hafna mis-sentenzi kkwotati.

Din il-Qorti trid tghid ukoll f'dan l-istadju li hija zgur ma ghandhiex il-kompitu biex tezegwixxi sentenzi kriminali barranin pero' biex semplicement tara jekk dawn humiex prova bizzejjed, li permezz taghhom jista' jinghad li jezistu dawk in-nuqqasijiet kontemplati fl-Artikolu 125 tal-Kapitolu 168.

Mill-fol. 23 sa fol. 105 tat-tieni Volum, huma esebiti fotokopji ta' estratti mill-passaport tal-konvenut, li juru l-assenza tieghu mill-Grecja fil-granet li huwa gie kkundannat mill-Qrati Griegi.

Din l-assenza hija wkoll konfermata minn certifikat mahrug mill-Konsulat Grieg gio l-Ingilterra, bid-data tas-26 ta' Ottubru 1994.

Il-konvenut jesebixxi wkoll affidavit mehud quddiem il-Konslu Malti f'Piraeus tal-Avukat P.J. Yannopoulos.

Din l-opinjoni legali hi principalment wahda teknika fuq is-sentenzi "*which have already been bad and are not executable*". U fuq in-notifika li saret fuq il-konvenut f'dawn il-proceduri, dan l-Avukat pero' ghal darba ohra ma jghid xejn fuq il-mertu tal-kundanni.

Kuntrarjament ghal dan u fuq il-meritu l-attur jesebixxi zewg opinjonijiet legali, wiehed mill-ufficcju legali ta' Pologiorgis u ohrajn bhala Dok. "K" a fol. 72 ta' l-ewwel Volum.

> "*The word fraud in the texts means the intention (in Latin "dolus"). The intention of the actor or of the accessory, comprises the offender's knowledge of the material elements of a criminal act, and also the will of the offender that his act shall cause the consequences included in the material elements of the criminal act.*"

Dawn l-Avukati ghandhom il-prattika f'Piraeus.

U jesebixxi wkoll opinjoni ohra bhala Dokument "L" a fol. 73 ta' l-ewwel Volum, mill-grupp legali GRVD, liema grupp jahdem f'Ateni, peress illi jrid jinghad li l-ewwel grupp ta' sentenzi huma mill-Qorti ta' Piraeus, it-tieni grupp mill-Qorti ta' Ateni.

Qed ighidu l-Avukati Griegi, ta' Ateni:

> "*Considering that: (a) in Penal Law the basis element, in order for someone to be convicted, is mainly, the intentional and malicious attitude of such person as against the results of his acts, which is in fact the basis of the accusations against Mr. Prokidis, and (b) perusing relevant judgments issued against Mr. Prokidis, it is established, that the convicted Mr. Prokidis acted in fraud in all cases, and the accusation brought against him, do constitute fraudulent offences according to Greek law.*"

U dana wara li dawn l-Avukati ezaminaw illi skond il-procedura penali Griega, il-konvenut kien gie legalment imharrek.

Dan l-Avukat xehed *viva voce* fis-seduta tal-20 ta' Settembru 1994.

L-aktar punti relevanti tax-xhieda tieghu huma:

1. li n-notifika kontra l-konvenut saret skond ir-regolamenti tal-ligi Griega;

2. li mis-sentenzi kollha, il-konvenut kien appella minn sentenza wahda pero' l-konvenut ma kienx deher fl-appell, li gie dezert;

3. li fil-maggor parti nfatti, hlief probabilment ghal sentenza li minnha kien hemm appell, in-notifika kienet saret permezz ta' proceduri simili ghal dik ta' l-affissjoni fil-ligi taghna, u dana sew meta gie ndikat fl-indirizz, sew meta l-indirizz ma kienx maghruf; u

4. li finalment "*these all effect public trust and are connected with fraud. More specifically a lot of the violations I would say, about half of these instances concern this matters. And therefore it is not merely a matter of fraud but also a matter of violation of public trust, in so far as it concerns funds against the free circulation of money. Other crimes concerned violation with regard to non payment of wages in fraud, and I am seeing two judgments concerned the failure to pay social security payments.*

*These later two are also offence public trust. Since the majority of these cases concern public trust, this is the reason why the state ex officio proceeded itself.*

*One other case concerned fraudulent bunkraptcy, and yet another in violation of Greek Exchange Control Laws.*"

Mill-att ta' provi finalment jezistu l-provi li gab il-konvenut, li jipproduci l-affidavit sew ta' Theofonis Baglatzis li kien ko-akkuzat mieghu, ta' Nikollaos Zoulis, li kien direttur fis-socjeta' in kwistjoni mal-kontendenti, kif ukoll kien Hussain Pal u wkoll ix-xhieda ta' Bemosthenis Constontopoulos li kien impjegat bhala Kaptan mas-socjetajiet li kellu x'jaqsam il-konvenut. Il-gist ta' din ix-xhieda hi s-segwenti:

1. Kien Baglatzis u mhux il-konvenut li kien responsabbli ghat-tmexxija tal-kumpanija fil-kumpaniji li kienu nvoluti flimkien;

2. il-konvenut kien dejjem mexa ta' ragel u kellu karattru onest u integru; u

3. l-attur dejjem kien jaf bil-problemi li kellu l-konvenut mal-gustizzja Griega u l-istorja li kien hemm dwar dawn il-problemi.

Ezaminat dawn il-fatti relevanti, wiehed jigi biex japplika dawn il-fatti ghal kaz in ezami.

U dan partikolarment fil-kontest tal-problematika legali li jikkrejaw.

Biex dan isir wiehed irid ihares mhux biss lejn l-eccezzjonijiet tal-konvenut, pero' wkoll jezamina n-nota ta' l-osservazzjonijiet presentati mill-partijiet rispettivi.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tirrigwarda n-nuqqas ta' giurisdizzjoni tal-Qrati Maltin a bazi ta' l-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12.

Apparti mill-fatt illi, ir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali huwa wkoll konvenut f'din il-kawza, minkejja wkoll li hu kontumaci, il-Qorti taqbel illi xi kundanna tieghu tista' biss tkun sussidjarja ghal kundanna principali ta' l-ewwel konvenut, u ghalhekk din il-presenza tieghu fil-kawza ma hijiex sufficjenti biex taghti gurisdizzjoni lill-Qrati taghna.

L-Artikolu 742 sub-artikolu 1 tal-Kapitolu 12 hekk jipprovdi:

> "*Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija.*"

Fil-kuntest ta' dan l-Artikolu din il-Qorti trid tezamina din il-kawza tirrigwardax xi persuna f'xi wahda mis-sub-incizi ta' l-istess Artikolu 742 sub-artikolu 1.

Huwa minnu li dina l-kawza ghandha bhala zewg kontendenti, zewg persuni li l-ebda wahda minnhom ma hija cittadina Maltija jew domiciljata hawn Malta.

Pero' tirrigwarda b'mod indirett, pero' vitali socjeta' li d-domicilju taghha huwa zgur Malta.

Il-vitalita' tar-rigward huwa konsegwenza li l-azzjoni hija proprju intavolata biex tiddermina kif dina s-socjeta' sejra jkollha hajja, sejra titmexxa, stante illi persuna legali tagixxi biss permezz tad-diretturi li jidderiegi f'isimha.

Illi apparti minn dan, b'interpretazzjoni ftit larga pero' mhiex inammissibbli, li l-assi socjali, infatti l-oqsma ta' l-istess huma "*hwejjeg li qeghdin jew li jistghu jinsabu Malta*" sub-inciz (c) ta' l-Artikolu, u li t-tmexxija ta' persuna legali ma tistax facilment tigi separata mill-entita' taghha nnifisha, liema entita' bir-registrazzjoni taghha hawn Malta tinstab Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, dina l-eccezzjoni hija michuda.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija li l-attur ma setghax de proprio, jistitwixxi din il-kawza ghaliex ma ghandux interess legali.

Tali azzjoni kienet tispetta lis-socjeta'. Fil-kazijiet normali ma hemmx dubbju li l-konvenut ghandu ragun. Hija s-socjeta' tramite l-Bord tad-Diretturi jew semmai, b'decizjoni f'laqgha generali li ghandha tippromwovi azzjonijiet anke kontra Direttur taghha stess.

Dan pero' huwa kaz partikolari. U ma hemmx dubbju illi huwa kaz li jista' jwassal ukoll ghall-hsara diretta lil ko-direttur, fejn hu u ko-direttur iehor biss ghandhom it-tmexxija tas-socjeta' in kwistjoni. Din il-potenzjalita', ta' hsara diretta, allura taghti d-dritt lill-individwu koncernat biex jaghmel dak kollu possibbli biex jevita li din il-hsara ssir aktar lampanti. F'kaz partikolarment bhal prezenti, fejn kull wiehed mid-diretturi ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta' in kwistjoni.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex issaqsi, m'ghandhiex interess guridiku dirett persuna partikolari jekk jirrizulta li ko-direttur ikun instab hati ta' reat ta' frodi?

Il-problema hija awmentata bil-fatt li kif ighid tajjeb l-attur, il-ligi hija siekta fuq il-punt ta' min jista' jippromoni dina l-azzjoni.

B'anologija pero' mal-kazijiet l-ohra, fil-ligi li jitkellmu fuq l-agir tad-diretturi w anke fuq it-tnehhija taghhom, il-Qorti thoss li tista' tasal ghas-soluzzjoni ta' din il-problema.

Hekk l-Artikolu 123 u l-Artikolu 126 sub-artikolu (2) jaghmluha cara li l-azzjoni tispetta lill-kumpanija biss u mhux lil xi individwu.

Dina l-ligi ma tghidux fl-Artikolu 125 u b'hekk il-Qorti tifhem illi kull persuna interessata fis-sens giuridiku tista' tipproponi dina l-azzjoni.

Fil-kaz prezenti, wiehed minn dawn il-persuni huwa zgur l-attur.

Pero' apparti minn dina l-konsiderazzjoni l-attur huwa wkoll "*the ultimate beneficial owner*" tan-nofs l-assi socjali.

Huwa kkonoxxut fid-dottrina li jezistu kazijiet fejn l-azzjonist individwali jista' jipproponi azzjoni personali kontra direttur li huwa, mal-membri l-ohra tal-Bord kollha agent tal-kumpanija, pero' mhux biss personalment u individwalment ghandu nkarigu ta' fiducja li jemani mill-kariga tieghu fiha nnifisha, pero' liema kariga hija wkoll ikkontemplata mil-ligi fid-doveri li kwalunkwe direttur ghandu lejn is-socjeta'

Ghal dawn ir-ragunijiet dina l-eccezzjoni hija wkoll michuda.

Dan il-kuncett ta' fiducja li torbot il-kariga ta' direttur fil-konfront mhux biss tas-socjeta' imma wkoll tal-ko-diretturi, tas-socji w anke fil-konfront tal-komunita' kummercjali twassal lil dina l-Qorti biex tifhem x'seta' kellu f'mohhu l-legislatur b'dan l-Artikolu.

Il-ligi trid li persuni li jkollhom xi wahda mill-inkapacitajiet kontemplati mis-sub-incizi (a) u (b) ta' l-Artikolu 125 ma jkunux kwalifikati li jinhatru jew ikollhom kariga ta' direttur.

U jekk dik il-persuna tkun giet interdetta, inkapacitata jew "*falluta mhux mehlusa*" skond il-ligi ta' pajjiza, allura tista' tipproponi ruhha ghal din il-kariga sakemm il-process

jerga' jsir Malta li ghal diversi ragunijiet u motivi zgur ma jkunx l-aktar forum idejali?

Il-fehma ta' dina l-Qorti hija differenti.

Dawn il-proceduri ghandhom jigu accettati mill-att purament fattwali, meta ovvjament wiehed ma huwiex qieghed jikkontempla l-ezegwibbilita' ta' dawn is-sentenzi skond id-decizjoni ta' dak il-pajjiz li fihom tkun grat jew saret dak ir-reat jew din l-inkapacita'.

Din hija t-tezi attrici li l-konvenut instab hati ta' diversi reati kontra l-fiducja pubblika minn tribunal kompetenti tal-pajjiz fejn gew kommessi dawn ir-reati.

Hu jsostni li dan il-fatt huwa bizzejjed u sufficjenti ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 125.

It-territorjalita' tal-ligijiet kriminali huwa principju stabbilit fid-dritt internazzjonali.

Minkejja dan din il-Qorti thoss li ghandha tghid li l-proceduri penali li saru fil-Qorti Griega, jipprestaw ruhhom ghall-kritika partikolari specjalment fuq il-mod kif saret in-notifika.

Ezami pero' ta' l-istess sentenzi juru li l-Qorti Griega kellha mhux biss xhieda ta' persuna jew persuni bhala prova izda fil-kaz ta' l-assenji mhux onorati anke prova dokumentarja.

Mir-reati kollha li taghhom instab hati l-istess konvenut, dan ir-reat aktar milli n-nuqqasijiet tieghu l-ohra jwasslu lil din il-Qorti biex taccetta t-tezi attrici, meqjusa wkoll il-fatt illi huwa reat li proprju jista' jwassal biex l-attur ikun koncernat fuq l-agir tal-ko-direttur tieghu.

Huwa reat li anke taht is-sistema penali taghna huwa, f'hafna cirkostanzi konsiderat bhala wiehed ta' frodi.

Fatt rilevanti hafna wkoll ghal din il-kwistjoni, huwa dak li jghid l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, li minkejja li kellu l-possibilitajiet kollha li dana jghidu l-konvenut qatt ma nnega illi fil-fatt huwa kkommetta dawn ir-reati in kwistjoni. Id-difiza totali tieghu hija wahda

pjuttost procedurali ta' kif issuccedew l-affarijiet sew qabel il-proceduri penali sew matulhom.

Lanqas il-Qorti ma tista' taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-konvenut lill-Artikolu 628 Kapitolu 12 li jghid:

> "*Huma wkoll ammissibbli bi prova bl-istess mod* *__bhal dokumenti msemmija fl-ahhar artikolu qabel dan__* (sottolinear tal-Qorti) *w id-dokumenti msemmija fl-ahhar artikolu jippruvaw dak li jkun fihom sakemm ma jigiex ippruvat il-kuntrarju.*"

Artikolu 627: li ma huwiex il-kaz f'dawn il-proceduri ghax fil-fatt il-kuntrarju ma giex ippruvat u ghalhekk dawn id-dokumenti esebiti mill-attur effettivament jippruvaw dak il fihom.

Jibqa' finalment biex jigi deciz l-ahhar punt u cioe' dak tar-retroattivita'.

Hawnhekk din il-Qorti taqbel ma' dak li jsostni l-istess konvenut, li sentenzi ta' dawn il-Qrati ghandhom jaghmlu stat bejn il-partijiet mill-gurnata tas-sentenza 'l quddiem. Dan huwa aktar ovvju u logiku bhal f'kaz prezenti fejn jistghu jigu lezi mod iehor id-drittijiet tat-terzi jekk dan ma jkunx hekk. Liema terzi b'mod insaput ta' dak kollu li kien qed jigri, setghu anke kkontrattaw ma' l-istess konvenut fil-vesti tieghu ta' direttur tas-socjeta' in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Din il-Qorti tilqa' l-ewwel talba attrici pero' dan mhux b'mod retroattiv, tilqa' t-tieni talba attrici u tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali ghall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fiz-zmien gimgha mil-lum.

Dwar spejjes: Dawk l-ispejjez bejn l-attur u l-konvenut Prokidis minhabba n-natura partikolari tal-kaz ghandhom jithallsu zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur.

Dwar l-ispejjez fil-konfront tal-konvenut l-iehor, ir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali, waqt li normalment dan ma kienx ikun responsabbli ghall-

> ispejjes, minhabba l-kontumaci tieghu huwa responsabbli ghall-ispejjes kollha tac-citazzjoni fil-konfront tieghu."

**<u>Aggravju</u>**

Minn din is-sentenza appella l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine b'aggravju li jkopri diversi eccezzjonijiet minnu sollevati kemm ta' natura procedurali kif ukoll fil-meritu. Hu jippremetti ghalihom is-segwenti fatti li, fil-fehma tieghu, irrizultaw pruvati u li kienu l-bazi tal-prezenti istanza.

1. Il-kontendenti Kostantinos Kostopoulos u Stylianos Prokidis kienu fid-data li gew istitwiti dawn il-proceduri l-unici zewg diretturi fis-socjeta' "Glovegold Shipping Ltd.", liema socjeta' hija l-proprjetarja tal-bastiment m.v. Anthenor Express li ghandu bandiera Maltija. L-ebda wiehed mill-kontendenti ma huwa azzjonista f'din is-socjeta'. Infatti l-azzjonisti fis-socjeta' huma "Glovegold Ltd.", <u>socjeta' registrata Malta</u>, li ghandha 499 ishma filwaqt illi Dottor Tonio Fenech huwa titolarju tas-sehem l-iehor. L-azzjonista principali imbaghad ta' "Glovegold Ltd." hija s-socjeta' l-ohra <u>registrata l-Ingilterra</u> bl-isem "Corporation Link Ocean Carriers (UK) Limited" u hija biss f’din l-ahhar socjeta' li l-kontendenti

ghandhom ishma ndaqs u direttament fiha u dana personalment.

F'dawn l-ahhar xhur inqalghu divergenzi kbar bejn id-diretturi kontendenti f'dawn il-proceduri. L-attur qieghed jibbaza din il-kawza fuq sensiela ta' sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Grecja liema sentenzi u proceduri gew kollha mehuda waqt li hu kien jirrisjedi gewwa l-Ingilterra, b'hekk qatt ma kien regolament notifikat bl-atti ta' dawk il-proceduri u wisq anqas kien prezenti ghall-istess proceduri.

Din il-Qorti trattat l-ewwel l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-appellant nomine u michuda fis-sentenza appellata. L-Ewwel Qorti infatti rriteniet illi kellha gurisdizzjoni ghaliex (i) il-vertenza kienet dwar tmexxija ta' socjeta' Maltija u din taghti lill-Qrati Maltin gurisdizzjoni u setgha li tiehu konjizzjoni ta' vertenza anke f'sitwazzjoni fejn l-unici zewg diretturi u kontendenti tal-vertenza ghandhom nazzjonalita' estera w is-socjeta' Maltija lanqas ma hi citata fil-gudizzju; u (2) li la darba l-assi socjali u cioe' l-ishma ta' l-istess socjeta' jinsabu f'Malta l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni.

Kienet din l-eccezzjoni li giet l-ewwel ittrattata quddiem din il-Qorti w il-kawza giet differita ghas-sentenza proprju fuq dan l-aggravju bl-intendiment li l-appell jibqa' jinstema' fuq aggravji ohra wara li tigi sorvolata din l-eccezzjoni.

L-appellant jissottometti li l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet guridikament inaccettabbli ghaliex l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar kif, fil-fehma taghha, "tmexxija ta' socjeta' Maltija" tinkwadra ruhha fis-sub-incizi ta' l-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre minn imkien ma jirrizulta illi din il-vertenza b'xi mod, anke remot, kienet tikkoncerna l-assi socjali ta' l-imsemmija socjeta' Maltija. Mhux kontestat illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut personalment kienu t-tnejn cittadini Griegi, filwaqt il-konvenut huwa residenti l-Ingilterra, l-attur ighix kemm l-Ingilterra kif ukoll il-Grecja. Kien minnu pero' li huma t-tnejn kienu z-zewg diretturi tas-socjeta' Maltija "Glovegold Shipping Ltd.". L-appellant isostni illi kif jidher car mill-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li l-gurisdizzjoni tal-Qrati kienet determinata minn persuni li jkunu partijiet in kawza. F'din il-kawza l-partijiet huma zewg cittadini esteri, apparti l-inkluzjoni tar-Registru tas-Socjetajiet. Dan ta' l-ahhar ma kienx interessat fil-meritu. Kien biss parti fil-gudizzju biex ikun jista'

jaghti effett lis-sentenza favorevoli li setghet taghti l-Qorti f'kaz li ssib favur l-attur fl-ewwel zewg talbiet attrici. Il-mera presenza tar-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali mehtiega biex taghti effett lill-eventwali sentenza tal-Qrati Maltin wahedha ma kenitx bizzejjed biex teradika l-gurisdizzjoni taghhom.

Din il-Qorti, anke jekk mhux ezattament kif komposta, kellha l-opportunita' illi tanalizza l-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod partikolari fir-rigward tas-sub-inciz (1) li tieghu jghid illi: "*Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, l-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu* <u>*l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni*</u> *hawn taht imsemmija.*" Jigi notat illi l-ligi titkellem dwar <u>persuni</u> li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta' Malta. Ma titkellimx biss dwar persuni li jistghu jagixxu bhala atturi jew jissejhu bhala konvenuti quddiemha. Titkellem dwar kawzi li <u>jirrigardaw</u> dawn il-persuni. Dan allura mhux necessarjament ifisser - ghalkemm generalment u bhala regola hekk hu l-kaz - illi l-oggett u l-meritu tal-kawza jkun dritt kontestat bejn il-kontendenti li finalment il-Qorti trid tiddeciedi lil min minnhom jappartjeni. Ifisser li l-Qorti hi wkoll kompetenti u ghandha

gurisdizzjoni f'kawzi li fihom il-partijiet ikunu qeghdin jikkontestaw meritu li d-determinazzjoni tieghu, apparti li jiddefinixxi l-interess taghhom fih, ikun ukoll direttament jirrigwarda terza persuna li ma tkunx parti fil-kawza u jista' jaffettwa d-drittijiet taghha.  F'dawk il-kazijiet il-Qorti tkun kompetenti tikkunsidra dak il-meritu jekk it-terza persuna tkun cittadina ta' Malta hawn domiciljata, anke li kieku altrimenti ma kienitx tkun kompetenti."

F'dik il-kawza allura din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi kellha gurisdizzjoni li tittratta meritu li kien jirrigwarda l-interessi ta' minuri, cittadina ta' Malta, domiciljata Malta, nonostante li l-genituri taghha kienu t-tnejn persuni li ma kienux cittadini Maltin, ma kienux domiciljati Malta u ma kienux residenti Malta.  Bl-istess argument f'din il-kawza li kienet bejn zewg persuni li ma kienux cittadini Maltin u lanqas ma kienu residenti f'Malta, din il-Qorti kellha gurisdizzjoni tikkonsidra l-meritu in kwantu dan kien jirrigwarda persuna Maltija residenti Malta u cioe' socjeta' limitata debitament registrata f'dawn il-Gzejjer.  Infatti l-partijiet kienu azzjonisti f'din is-socjeta' "Glovegold Shipping Ltd." u l-meritu jirrigwarda proprju l-kontestazzjoni dwar il-kariga ta' direttur ta' din l-istess socjeta' u li jimpingi direttament allura fuq l-

amministrazzjoni taghha. Indubbjament allura l-meritu ta' din il-kawza jirrigwarda persuna - anke jekk morali - li zgur toqghod u tirrisjedi f'Malta.

Din il-Qorti ma tarax ghaliex ma ghandhiex tadotta interpretazzjoni ta' din ix-xorta fiz-zmien ta' globalizzazzjoni tal-kummerc u nformazzjoni u mezzi ta' komunikazzjoni. Kien pero' sa hawn li din il-Qorti estendiet l-interpretazzjoni tradizzjonali ta' l-Artikolu 742 ghax dan kien, fil-fehma taghha, konsentit mid-dicitura tieghu. Mhux korrett li jinghad kif inghad f'xi gjudikati recenzjuri li din il-Qorti fehmet b'dik l-interpretazzjoni illi l-ligi riedet taghti gurisdizzjoni lill-Qrati Maltin biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw ic-cittadini ta' Malta. Mhux minnu li riedet tatihom protezzjoni shiha, kienu fejn kienu, anke jekk ma kienux residenti f'Malta u anke jekk ma kienux konvenuti quddiemha, sakemm il-meritu tal-kawza jkun jirrigwarda lilhom sakemm ikunu domiciljati Malta. Il-gudizzju ta' din il-Qorti kien biss fis-sens illi l-Qrati Maltin kellhom gurisdizzjoni illi jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni msemmija fis-sub-incizi (a) sa (j) ta' l-Artikolu 742 sakemm ikunu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha ta' dawk is-sub-incizi anke dawk il-persuni li ma jkunux il-partijiet fil-kawza. Allura f'dan il-kaz anke jekk il-partijiet fil-

kawza ma jkunux huma stess jikkwalifikaw taht xi wahda minn dawn is-sub-incizi. Dan ifisser illi kawza bejn zewg partijiet li ma jkunux cittadini ta' Malta u ma jkunux domiciljati jew joqghodu Malta li l-meritu taghha jirrigwarda cittadin ta' Malta illi jkun stabilixxa d-domicilju tieghu band'ohra ma tkunx taqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin sakemm naturalment ma tkunx tikkwalifika taht xi sub-inciz iehor mill-Artikolu 742.

Dawn il-precizazzjonijiet kienu mehtiega proprju biex ikun iccarat mhux biss il-hsieb ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Raymond Calleja vs l-Avukat Dottor Raymond Pace et nomine" deciza fil-31 ta' Jannar 1996 li ghaliha saret riferenza aktar 'il fuq u li l-konsiderandi taghha, fejn pertinenti, kellhom jitqiesu li saret riferenza ghalihom f'din is-sentenza, imma wkoll biex ma tinghatax interpretazzjoni aktar wiesgha minn dik illi l-legislatur intenda fid-dicitura ta' l-Artikolu taht ezami.

Ghal dawn il-motivi u b'dawn il-precizazzjonijiet din il-Qorti tqis l-appell in kwantu bazat fuq aggravju dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni bhala mhux sostenibbli w allura tichdu, spejjez ghall-appellant nomine.

Il-kawza giet differita biex tigi trattata ulterjorment quddiem Qorti diversament komposta.

Deputat Registratur

rf.